MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 139/2012

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-esponent u l-intimata izzewgu fit-3 ta’ Novembru, 1984 (Dokument A), u miz-zwieg taghhom kellhom tifla Diane, illi illum hija maggorenni u tahdem;
2. Illi l-partijiet isseparaw legalment b’mod definittiv in forza ta’ sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Ottubru, 2001 (Dokument B). Il-manteniment li kien gie ordnat li jithallas skont is-sentenza hekk moghtija dejjem thallas mill-esponent;
3. Illi ma hemm l-ebda possibilita kwalsiasi ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara xjolt iz-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fit-3 ta' Novembru, 1984;
2. Tordna illi ssir l-annotazzjoni opportuna tad-dikjarazzjoni tax-xjoljiment taz-zwieg taghhom fl-att taz-zwieg;
Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi hija ssib oggezzjoni biex iz-zwieg taghha mar-rikorrenti jigi mahlul skond kif inhu mahsub fl-Artikolu 66A tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li hija temmen illi m'hijiex qed tircievi manteniment adegwat u fil-fatt hemm kawza pendenti fir-rigward b'numru tar-registrazzjoni 285/2008 quddiem din l-istess Onorabbli Qorti;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Marzu, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova li l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Ottubru, 2001,

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi it-tifla tal-partijiet illum hija maggorenni u tahdem u illi huwa dejjem kien regolari fil-hlas tal-manteniment. L-intimata xehdet illi huwa minnu illi

ir-rikorrenti dejjem hallasha il-manteniment kif ordnat mill-Qorti fis-sentenza illi permezz taghha giet ippronunzjata is-separazzjoni bejn il-partijiet, izda fethet kawza ohra quddiem il-Qorti sabiex jizdied il-manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tiddikjara xolt iz-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------